# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 30 ta' Jannar 2025**

**Kumpilazzjoni Numru: 734/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**kontra**

**Ali Abdalla Adem Abdulaziz**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imsemmi **Ali Abdalla Adem Abdulaziz**, ta' sitta u għoxrin (26) sena, iben ġenituri mhux magħrufa, imwieled is-Sudan fil-ħmistax (15) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u disgħa u disgħin (1999), mingħajr residenza fissa u detentur tar-RefCom numru 24178/18 u numru tal-Pulizija 18K-050:-

Akkużat talli nhar l-erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għal ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija (7:00 p.m.) u l-ħdax ta' filgħaxija (11:00 p.m.) minn ġewwa l-istabbiliment *Illusions* ġewwa l-Bajja s-Sabiħa, Birżebbugia u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:-

1. Irrenda ruħu kompliċi f'serq ta' *mobile phone* li l-valur tiegħu jaqbeż aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma jaqbiżx l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq hu kwalifikat bil-valur u dan għad-dannu ta' Biljana Spiric u/jew persuna oħra.

2. U aktar talli mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa u ċioe offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Awes Abdulkadir Mumin.

3. Inġurja, hedded jew għamel offiża fuq wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżża jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

4. Attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' Ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti.

5. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, f'lok pubbliku jew f'post miftuħ għal pubbliku kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu.

6. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni b'għajjat, storbju jew ġlied.

Din il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat Ali Abdalla Adem Abdulaziz bħala li sar reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li kien instab ħati permezz ta' sentenza mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, tħaddem kontra l-ħati d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 532A tal-Kodiċi Kriminali u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabilixxi l-liġi.

Rat illi waqt l-eżami tiegħu ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb illi ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wara li ngħata żmien

xieraq biex iwieġeb u in oltre wieġeb illi mhux ħati tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tiegħu[1];

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja[2];

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi :-

**PC 1094 Braydon Bonnici**[3], xehed illi nhar l-erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), huwa kien xogħol *night watch* ġewwa l-għassa tal-Pulizija ta' Birżebbugia. Għal ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija (7.00 p.m) bdew jirċievu ħafna telefonati, fejn ġew infurmati li kien hemm argument ħdejn l-istabbiliment *Illusions,* liema argument sussegwentement irriżulta li kien oriġina ħdejn il-venda tal-karozzi tal-linja ta' Birżebbugia. Ix-xhud stqarr li huwa talab għall-assistenza peress li dak il-ħin fl-għassa kien hemm biss żewġ Pulizija.

Igħid li marru fuq il-post il-Pulizija tar-*Rapid Intervention Unit* u ħadu żewg persuni arrestati, ġewwa l-għassa tal-Pulizija ta' Birżebbugia. Huwa jispjega li wieħed minnhom kien l-imputat Ali Abdalla Adem Abdulaziz, li meta daħal l-Għassa kellu d-dmija fuqu, iżda beda jirrifjuta l-assistenza medika. PC 1094 jistqarr li huma kellhom biss ismu u kunjomu, u meta staqsewh fejn kien jirrisjedi, l-imputat kien stqarr li huwa kien qed jgħix mal-*Father* ġewwa l-Laboratorju tal-Paċi. Għaldaqstant kienu nfurmawh li kienu ser jeħduh hemmhekk sabiex jikkonfermaw l-indirizz tiegħu. Madanakollu meta ħaduħ ħdejn il-karozza, l-imputat telaq jiġri u pprova jaħrab waqt li kien taħt arrest. Ix-xhud jispjega li huma qabdu lill-imputat faċċata tal-Għassa stess u daħluh fil-karozza u hemmhekk l-imputat sar aggressiv. Beda jagħti fil-karozza, jinqaleb għal fuq l-istess kuntistabbli, jagħti bis-sieq u jiftaħ il-bibien tal-karozza b'saqajh stess.

Ix-xhud jispjega ukoll illi kif waslu fl-indirizz indikat mill-istess imputat, l-imputat beda jgħidilhom illi huwa ma jirrisjedix hemmhekk iżda jirresjedi

[1] A fol. 8 tal-atti proċesswali
[2] A fol. 9 tal-atti proċesswali
[3] A fol. 26 tal-atti proċesswali

Għawdex. Igħid li huma ma setgħux jikkontrollaw lill-imputat u talbu għall-assistenza tal-Pulizija tar-*Rapid Intervention Unit* u Pulizija oħra li marru jassistuhom mill-Għassa tal-Pulizija taż-Żejtun. Il-kuntistabbli jispjega ukoll li waqt li kien qiegħed jipprova jikkontrolla lill-imputat, barax subajgħ u ħariġlu ftit demm u ġie f'kuntatt mad-demm tal-imputat. Għalhekk huwa mar il-Poliklinika, fejn ġie nvistat. Huwa preżenta ċertifikat mediku li ġie mmarkat bħala Dok BB. Ix-xhud għaraf lill-imputat fl-awla, bħala l-istess persuna li kien qiegħed jiddeponi dwarha.

**PS 462 Darren Farrugia**[4] stqarr li nhar l-erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), għal ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija (7:00p.m.), irċevew telefonata l-Għassa tal-Pulizija ta' Birżebbugia, fejn ġie rrapportat li kien hemm ġlieda fl-istabbiliment *Illusions*. Ix-xhud jistqarr li huma kienu talbu għall-assistenza tal-Pulizija tar-*Rapid Intervention Unit*, li in segwitu marru l-għassa b'żewġ persuni. Wieħed minnhom kien l-imputat odjern li x-xhud għaraf fl-awla. Il-persuna l-oħra kienet ġiet identifikata minn nies li kienu preżenti fuq il-post tal-inċident, li kienu stqarru mal-Pulizija li din it-tieni persuna ukoll x'aktarx kienet involuta fl-inċident. Ix-xhud jistqarr li għall-ħabta tat-tmienja neqsin kwart ta' filgħaxija (7:45p.m.), dawn iż-żewġ persuni ġew infurmati bl-arrest tagħhom mill-Pulizija tar-*Rapid Intervention Unit*. Igħid li huma sussegwentement ġew mitkellma minnu wara li kienu ngħataw id-drittijiet legali tagħhom.

PS 462 jispjega ukoll li meta l-imputat u l-persuna l-oħra nġabu l-Għassa tal-Pulizija huwa ma kienx hemm. Madanakollu l-kollega tiegħu PC 220, kien infurmah li xi ħmistax-il minuta qabel, għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7:30p.m.), kienet marret l-Għassa tal-Pulizija, persuna oħra, ċertu Ahmed Omer Hassan Mousud, li stqarr li kellu bżonn assistenza medika għaliex kien involut f'inċident. Igħid li l-Pulizija sejjħet għall-ambulanza, li marret fuq il-post, iżda Ahmed Omer Hassan Musoud ġie assistit fuq il-post, għaliex irrifjuta li jmur fuq l-ambulanza. Ix-xhud jispjega ukoll li Ahmed Omer Hassan Musoud kellu *pouch* iswed u meta daħlu l-Pulizija biż-żewġ individwi li kienu arrestaw, fosthom l-imputat, Musoud poġġa dan il-*pouch* ħdejn l-imputat. Il-Pulizija fetħet dan il-*pouch* u ġo fih instab *mobile phone*, li rriżulta li kien ta' ċertu Biljana Spiric, li kienet involuta fir-rapport oriġinali dwar il-ġlieda, u li

[4] A fol. 30 tal-atti proċesswali

ukoll kienet marret l-Għassa tal-Pulizija sabiex tagħmel rapport, iżda kienet għada qegħda tistenna barra sabiex tiġi mitkellma mill-Pulizija.

Is-Surġent igħid li huwa mar fuq il-post fejn ġara l-inċident u rriżulta li għalkemm kien ġie rappurtat li kien hemm ġlieda fl-istabbiliment *Illusions*, fil-fatt il-ġlieda kienet bdiet ħdejn il-venda tal-karozzi tal-linja ta' Birżebbugia, fejn hemm il-magni tal-BCRS u kompliet safejn l-istabbiliment tal-*Illusions*. Ix-xhud jispjega illi skond ma stqarret Biljana Spiric, il-magni ma bdewx jaħdmu u ġiet ittantata minn dawn il-persuni, li ħadulha l-*mobile phone* meta hi ppruvat iċċempel lil żewġha. Kien hemm persuna li pprova jgħinha, iżda spiċċaw jiġġieldu u l-ġlieda baqgħet sejra sa ħdejn l-*Illusions*.

PS 462 jispjega ukoll li mill-investigazzjonijiet li saru, rriżulta li l-persuna li oriġinarjament kienet ġiet arrestata flimkien mal-imputat, ma kellix x'taqsam mal-inċident u għalhekk kienet ġiet rilaxxjata. Igħid li huwa sussegwentement kellem lill-imputat, li ngħata d-drittijiet legali tiegħu, iżda rrifjuta li jkellem avukat. L-imputat stqarr miegħu, li huwa kien qiegħed jixrob u marru għalih il-Pulizija u ħaduh l-għassa. Meta s-Surġent staqsa lill-imputat x'kien ġara qabel, l-imputat qallu li ma kien ġara xejn. Igħid li l-Pulizija ma kellix indirizz fejn jirrisjedi l-imputat u għalhekk is-Surġent kien informa lill-Ispettur b'dan kollu, u l-imputat ġie miżmum sakemm jiġi stabbilit fejn jirrisjedi.

Huwa jispjega ukoll li meta talbuh l-indirizz, l-imputat kien stqarr li jgħix fil-Laboratorju tal-Paċi, ġewwa Ħal Far, fil-limiti ta' Birżebbugia, iżda meta kienu ser jeskortawh sabiex jivverifikaw li huwa verament kien igħix hemmhekk, l-imputat telaq jigri. Igħid li l-imputat ġie mwaqqaf faċċata tal-Għassa tal-Pulizija u ġie mmanetjat u sussegwentement PC 104 u PC 1094 marru bih Ħal Far. Igħid li Ħal Far ma fetħilhom ħadd. L-imputat imbagħad stqarr mal-Pulizija li huwa mhux vera jirresjedi hemmhekk, iżda jirresjedi Għawdex. Hemmhekk beda jagħti bis-sieq mal-bieba tal-karozza sabiex joħroġ u beda jirreżisti lill-Pulizija u għalhekk kellha tintalab aktar assistenza. Ix-xhud jispjega li f'din il-kommossjoni l-Pulizija li kien miegħu barax idu u għamel ferita żgħira fuq idejh u d-demm li kellu l-imputat mess ma dak tal-Pulizija. Igħid li l-imputat ittieħed l-isptar u miegħu kien hemm *fixed point*, filwaqt li x-xhud akkompanja lill-Pulizija l-*polyclinic*. Muri r-rapport immarkat bħala 'Dok CG 4' esebit fl-atti[5], igħid li dan r-rapport inkiteb minnu.

[5] A fol. 14 tal-atti proċesswali

**Biljana Spiric**[6] xehdet nhar it-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u spjegat li madwar ġimgħatejn qabel hija kienet marret ħdejn il-magni tal-BCRS ġewwa Birżebbugia, sabiex tirriċikla xi fliexken u l-magna ma kinetx qegħda taħdem. Tgħid li imbagħad mar l-imputat flimkien ma raġel ieħor ta' statura ikbar. Tispjega li l-imputat kien għenha sabiex tipprova tuża waħda minn dawn il-magni. Dak il-ħin kien hemm hi, l-imputat u persuna oħra li t-tnejn kienu fis-sakra. Tispjega li talli kienu qegħdin jgħinuha talbuha ittihom għaxar euro (€10). Il-komunikazzjoni ta' bejniethom tgħid li kienet bil-lingwa Ingliża, għalkemm hi ma tifhimx ħafna bil-lingwa Ingliża. Ix-xhud tgħid li peress li l-magna ma kinitx qegħda taħdem riedet tmur lura id-dar bil-fliexken, iżda l-imputat u l-persuna li kien hemm miegħu qalulha li ma kinux ser iħalluha tmur id-dar qabel ma ttihom il-flus.

Biljana Spiric tispjega ukoll li dak il-ħin kien hemm persuna oħra, ċertu Awes, li kien ħareġ mir-*restaurant* sabiex jarmi l-*garbage bags.* Tgħid li lil Awes kienet tafu għax kienu jaħdmu flimkien fir-*restaurant* u talbitu l-għajnuna għaliex dawn it-tnejn min-nies ma ħallewhiex titlaq u kienu qegħdin iżommuha ħdejn il-magna tar-riċiklaġġ. Tgħid ukoll li l-imputat u sieħbu staqsewha minn fejn kienet u meta qaltilhom li hi mis-Serbja bdew jgħidulha *Serbian bitch.* Bdew joffenduha l-ħin kollu u ma ħallewiex titlaq u tmur lejn id-dar għaliex riedu l-flus.

Mistoqsija kif taf li l-imputat u sieħbu kienu fis-sakra, tgħid li wieħed minnhom kellu flixkun tal-Vodka f'idejh, u t-tnejn li huma kellhom riħa ta' xorb. Wieħed minnhom kellu għajnejh ħomor ukoll. Tgħid li meta Awes qal lill-imputat u lil sieħbu sabiex iħalluha, dawn bdew jiġġieldu miegħu. Hija tispjega li magħha kellha basket u ġo fih kellha il-*mobile phone* u l-portmoni u ħarġet il-*mobile phone* mill-basket sabiex tipprova ċċempel lill-Pulizija jew lir-raġel tagħha sabiex imur fuq il-post peress li huma joqgħodu xi ħames minuti 'il bogħod minn fejn kienu. Dak il-ħin hi bdiet tgħajjat u titlob li xi ħadd sabiex iċempel lill-Pulizija għax hi ma kelliex *credit* fuq il-*mobile phone* tagħha, u kienet qegħda tipprova ċċempel lir-raġel tagħha billi tuża l-*wifi* u tagħmel telefonata fuq Whats App. Tgħid li peress li kien hemm in-nies, xi ħadd ċempel lill-Pulizija.

Hija tgħid li meta ħarġet il-*mobile phone*, il-persuna li kien hemm mal-imputat ħadilha l-*mobile phone* minn idejha għax ħaseb li kienet ser teħodlu *video* biex tirrekordja l-ġlieda. Ix-xhud tispjega li hi ħasset il-bżonn li tgħajjat għall-għajnuna għaliex l-imputat u sieħbu bdew jiġġieldu ma Awes, għaliex Awes beda

[6] A fol. 39 tal-atti proċesswali

jgħidilhom sabiex iħalluha titlaq. Tgħid li l-imputat ta daqqa ta' ponn lil Awes f'wiċċu, filwaqt li sieħeb l-imputat qatta' l-flok ta Awes.

Ix-xhud tispjega ukoll li meta Awes qala' d-daqqa ta' ponn, huwa daħal lura fir-*restaurant* minn fejn kien ħareġ originarjament. L-imputat u l-persuna l-oħra marru warajh. Tgħid li wara ħarġu ħafna nies mir-*restaurant* u bdew jiġġieldu mal-imputat u ma sieħbu għax sieħeb l-imputat li kellu l-*mobile phone* kien daħal fir-*restaurant* wara Awes u n-nies li kien hemm keċċewh 'l barra mill-kċina tar-*restaurant.* Ix-xhud tgħid li kien hemm mara li lilha ratha mbeżża' u kienet daħħlitha fir-*restaurant*, sabiex tkun tista' toħroġ mill-*main entrance* peress li hemmhekk kienu fejn l-entratura tan-naħa ta' wara tar-*restaurant,* fejn kien hemm il-kċina.

Hija tispjega li meta ħarġet mir-*restaurant*, hija ma marritx għand il-Pulizija iżda marret id-dar sabiex tgħid lir-raġel tagħha sabiex imur magħha għand il-Pulizija. Tispjega li meta hija u żewġha kienu sejrin għand il-Pulizija, u għaddew minn fejn kienet saret il-ġlieda, diġa' kien hemm il-Pulizija fuq il-post u l-imputat kien aggressiv, tant li anke ried jagħti daqqa ta' flixkun lil żewġha u l-Pulizija għamlulu l-manetti.

Meta marret l-għassa, hija rraportat li kienu ħadulha l-*mobile phone* tagħha, tal-għamla Xiaomi, li kellu valur ta' *circa* mija u ħamsin ewro (€150). Tgħid li dan il-*mobile phone* ġie ritornat lilha mill-Pulizija meta kienu fl-Għassa tal-Pulizija u tgħid li dan il-*mobile phone* ma kien ġarrab l-ebda ħsarat. Ix-xhud uriet il-*mobile phone* tagħha lill-Qorti u kkonfermat li dak kien l-istess wieħed li xehdet dwaru u li ġie ritornat lilha mill-Pulizija.

**Abdulkadir Mumin Awes**[7] xehed u spjega li f'jum f'nofs ix-xahar ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija (7:00 p.m.), huwa kien ġewwa Birżebbugia u kien ħareġ minn *restaurant* li ma setax jiftakar x'ismu, sabiex imur jarmi borża taż-żibel. Meta ħareġ ra mara Serba li talbet l-għajnuna tiegħu, għaliex kienet qegħda tgħid li kienet ser iċċempel lill-Pulizija u xi ħadd ħadilha l-*mobile phone* minn idejha. Igħid li din il-persuna Serba kienet qegħda ħdejn il-magna tar-riċiklaġġ fejn titfa il-fliexken. Preżenti kien hemm persuna li x-xhud għarfu bħala l-imputat fl-awla, li meta qallu sabiex jieqaf, beda ifajjarlu bil-ponn. Ix-xhud jispjega li huwa mar ħdejn it-tfajla għaliex talbitu l-assistenza. Igħid li lill-imputat ġieli rah Birżebbugia u

[7] A fol. 82 tal-atti proċesswali

kien hemm drabi meta saħansitra kien talbu xi flus f'muniti u sigaretti. Ix-xhud igħid li huwa mar fuq l-imputat sabiex jipprova jikkonvinċih ma jagħmel xejn ħazin, iżda meta kien qed ikellmu, dan tah daqqa ta' ponn f'wiċċu u laqtu fuq in-naħa tal-lemin ta' wiċċu. Huwa jispjega li kien hemm raġel ta statura ikbar, flimkien mal-imputat. Ix-xhud jispjega li wara li qala' d-daqqa ta' ponn, huwa telaq jiġri lejn il-Hotel taċ-Ċaqnu u daħal fil-kċina tal-istess Hotel. Din tinsab xi tletin (30) jew erbgħin (40) metru 'l bogħod mill-magni tal-BCRS. Ikkonferma li l-persuna li kellha statura ikbar baqghet issegwih, marret warajh fil-kċina tal-lukanda, u anke provat teħodlu l-*mobile phone*. Ix-xhud jispjega li din il-persuna tatu ukoll daqqiet ta' ponn u anke qattatlu l-flokk li kien liebes. Igħid li din il-persuna ta' statura ikbar ġiet imkeċċija mill-bieb tal-ġenb. Ix-xhud igħid li huwa kien tkellem mal-imputat u ma sieħbu bil-lingwa Għarbija u beda jgħidilhom sabiex jieqfu. L-għamla tal-*mobile phone* tal-persuna Serba ma jafux u kkonferma li l-*mobile phone* tiegħu ma ħaduhx.

**PC 2 Glenn Ellul**[8]**,** stazzjonat ir-*Rapid Intervention Unit*, xehed illi nhar l-erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), huwa kien xogħol *night watch*, fejn għal ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7:30 p.m), ġew infurmati mill-*Control Room* li kien hemm ġlieda fejn il-venda ta' Birżebbugia. Huwa rrikora fuq il-post, flimkien mal-kollega tiegħu PC 636. Hemmhekk sabu koppja ta' nazzjonalita' barranija, raġel u mara, ta' karnaġġjon abjad, kif ukoll persuna oħra ta' karnaġġjon skur li kienet fis-sakra. Jispjega li l-koppja kienet stqarret magħhom li kien għadu kemm insterqilhom il-*mobile phone* u ndikaw persuna li x-xhud għaraf bħala l-imputat preżenti fl-awla. Igħid li l-imputat bilkemm beda jiflaħ joqgħod fuq saqajh, kien qiegħed ixejjer idejh u kellu għajnejh ħomor nar. Ix-xhud igħid ukoll li l-koppja kienet qaltilhom ukoll li flimkien mal-imputat, kien hemm persuna oħra maskili, li kien qiegħed bilqegħda fuq l-istage ta' ħdejn il-venda u li ukoll kien fis-sakra.

PC 2 spjega li huwa kien informa lill-imputat, kif ukoll lill-persuna l-oħra, li kienu ser jarrestawhom u talbuhom id-dettalji tagħhom, iżda minħabba li kienu fis-sakra lanqas bdew ikellmuhom u għalhekk huma skortawhom lejn l-Għassa tal-Pulizija ta' Birżebbugia. Igħid li l-imputat tkellem magħhom bl-Ingliż, għalkemm ftit li xejn fehmuh. <u>In kontro-</u>eżami, igħid li lilu personali fl-ebda ħin ma irreżistewh jew attakawh. Igħid li għalkemm ma kinux għamlulu *breathylser* lill-imputat, seta' jinduna li kien fis-sakra u kellu riħa ta' xorb. Ikkonferma li

---

[8] A fol. 92 tal-atti proċesswali

kien hemm l-għajjat u storbju meta wasal fuq l-post. Jispjega li meta waslu fuq il-post, l-imputat kien qiegħed jargumenta mal-koppja ta' nazzjonalita' barranija u kien qiegħed ixejjer idu.

**PC 636 Brandon Lee Pullicino**[9], stazzjonat ir-*Rapid Intervention Unit,* xehed illi nhar l-erbatax (14) ta' Settembru, tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), huwa kien xogħol *night watch*, u għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija (7:00 p.m.) ġew imsejjħa sabiex jirraportaw ġewwa Birżebbugia viċin il-venda. Kien flimkien ma PC 2. Huma marru fuq il-post u sabu koppja fi stat ta' paniku li bdiet tgħid lill-Pulizija li kien hemm ġlieda u li kienu ħadulhom il-*mobile phone*. Uriethom żewg individwi li dehru li kienu fi stat ta' sokor, bdew jixxenglu u jargumentaw u jagħmlu xi storbju u jgħajjtu fit-triq. Dawn iż-żewġ individwi ġew arrestati u nfurmati bid-drittijiet tagħhom u ġew skortati lejn l-Għassa ta' Birżebbugia. Ix-xhud għaraf lill-imputat bħala wieħed minn dawn iż-żewġ individwi.

Ix-xhud jispjega li huma kienu marru fejn il-venda, viċin l-*Illusions Bar.* L-imputat ma bediex jikkopera magħhom u lanqas seta' jsegwi l-ordinijiet li bdew jagħtuh, għax kien fi stat ta' sokor kbir u ma bediex jinduna x'inhu jiġri. Igħid li l-imputat ġie eskortat l-Għassa tal-Pulizija ta' Birżebbugia bil-karozza tar-*Rapid Intervention Unit.*

<u>In kontro-eżami</u>, mistoqsi jekk kinetx saret xi inġurja jew theddid fuqu personali, min-naħa tal-imputat, ix-xhud igħid li kien hemm ħafna għajjat u li kien ġie mgħajjar *'fuck the police'* u affarijiet oħra. Igħid li dan id-diskors, l-imputat kien qalu lilu f'wiċċu, waqt li hu kien liebes l-uniformi. Mistqosi, jekk l-imputat kienx attakah personalment jew jekk kienx għamel xi reżistenza, igħid li l-imputat ma ħalliehx jarrestah, ma bedhiex jikkoopera u anke intefa' mal-art. Igħid li kien hemm persuna pajżana fit-triq li pruvat tgħinu ukoll. Igħid li mbagħad qajjmu, irnexxielu jqabbadlu l-manetta u daħluh fil-vann. Mistoqsi, kif seta' igħid li l-imputat kien fis-sakra, ix-xhud igħid li l-imputat ma felaħx iżomm fuq saqajh, kellu riħa ta' xorb kbira fuqu u ma bediex jinduna fejn hu sejjer. Igħid li kif waslu huma, l-imputat niżel ġo kċina, viċin il-*Water's Edge* u hemmhekk kellu xi jgħid ma xi *chefs* li kienu qegħdin hemm isajjru, għax ħasbu li kien ser jagħmel għalihom, għax qabad sikkina għalkemm ma ppuntaha lejn ħadd. Igħid ukoll li meta wasal hu, l-imputat kien għadu kif kellu dan l-argument mac-*chefs* u ma kienx għadu f'kuntatt mal-koppja li għamlet ir-rapport. Mistoqsi kif kien

[9] A fol. 95 tal-atti proċesswali

irnexxielu jarresta lill-imputat, ix-xhud jispjega li la l-imputat ma bediex jikkopera, hu u PC 2 li kien miegħu kellhom jużaw il-forza neċessarja, daqs il-forza li kien qiegħed jagħmel hu u arrestawh.

In ri-eżami, ix-xhud jispjega li kif huma waslu fuq il-post, l-ewwel iltaqgħu mal-koppja, filwaqt li l-imputat kien f'argument mal-persuni li kien hemm fil-kċina. Igħid li imbagħad huma kienu marru jkellmu lill-imputat u kull min beda jgħaddi minn miegħu beda jaqla' l-problemi miegħu. Igħid li l-imputat ma kienx kapaċi jipproduċi dokument ta' identifikazzjoni u meta prova jarrestah, beda juża s-saħħa u kellu juża s-saħħa ukoll sabiex idawwarlu jdejh sabiex jagħmel il-manetti. Jispjega li kif kien bil-manetti, beda jipprova jiddendel sabiex ma jdaħħluhx fil-karozza u sadanittant kien hemm ħafna nsulti u theddid. Mistoqsi xi kliem kien qallu l-imputat, igħid li kien qallu *"fuck the police"* u kliem ieħor li pero ma jiftakarx x'kien eżatt. Jiftakar pero li kien aggressiv.

In kontro-eżami ulterjuri, mistoqsi jekk kienx hemm xi vjolenza jew imbuttar da parti tal-imputat, ix-xhud jikkonferma li kien hemm u jgħid li l-imputat beda jagħmel minn kollox sabiex ma jħallihx jarrestah. Igħid li *"kien hemm struggle"*. Huwa kkonferma li l-imputat imbuttah, xejjer idu bil-manetta u jagħmel is-saħħa. Igħid li imbagħad niżlu mal-art u arrestah u qabbadlu l-manetta l-oħra.

**PC 104 Karol John Cefai Busuttil**[10] xehed illi nhar l-erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), kien dettaljat *night watch*. Ikkonferma li għal ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija (7:00p.m), huwa flimkien ma PS 462 ġew infurmati li kien hemm bżonn l-assistenza viċin il-*bus terminus* ta' Birżebbugia, fejn l-istabiliment *Illusions.* Meta waslu fuq il-post diġa kien hemm xi membri tar-*Rapid Intervention Unit* u s-Surġent beda jieħu l-verżjonijiet ta' dak li kien ġara, minħabba li qalulhom li kien hemm xi nċident. F'ħin minnhom is-Surġent ġie mgħarraf li kien hemm xi nies li kienu involuti fl-inċident li diġa' kienu qegħdin l-Għassa ta' Birżebbugia. Igħid li mbagħad huma marru l-Għassa ta' Birżebbugia, fejn is-Surġent beda jkellimhom.

Ix-xhud igħid li imbagħad huwa ġie ordnat minn PS 462 sabiex jeskorta lill-imputat ġewwa l-Laboratorju tal-Paċi, sabeix ikunu jistgħu jikkonfermaw li verament huwa kien qiegħed jirrisjedi ġewwa dak il-fond. Igħid li sakemm ħa l-Ordni u mar iġib iċ-ċwievet, l-imputat li kien baqa' fil-preżenza ta' PC 1094 u PC 220 ħarab mill-Għassa u bdew jiġru warajh. Ix-xhud jispjega li dak il-ħin

[10] A fol. 103 tal-atti proċesswali

huwa qabad il-karozza tas-servizz, u segwa d-direzzjoni fejn kienu marru l-kollegi tiegħu. Igħid li x'ħin wasal ħdejn il-kollegi tiegħu, innota li l-imputat kien magħhom u daħluh fil-karozza tas-servizz. Ix-xhud jispjega li dak il-ħin PS 462 tah struzzjonijiet sabiex xorta imur fil-Laboratorju tal-Paċi, sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw jekk l-imputat jirresjedix hemmhekk. Igħid li waqt li kienu fit-triq għall-Laboratorju tal-Paċi, l-imputat beda jintelaq fuq PC 1094 u l-Kuntistabbli beda jgħidlu sabiex ma joqgħodx jintelaq fuqu. Meta waslu l-Laboratorju tal-Paċi ma fetaħ ħadd u għalhekk infurmaw lill-imputat li kienu ser iniżluh lura l-Għassa u jaraw kif kienu ser jagħmlu kuntatt.

Dak il-ħin l-imputat sar aggressiv, intelaq fuq is-seat ta' wara tal-vettura tas-servizz u beda jagħti bis-sieq mal-bieba tal-vettura tas-servizz u beda jiftaħ il-bieba tal-vettura bis-swaba ta' saqajh. Igħid li l-imputat beda jagħti bis-sieq, igħajjat u għal kull ħaġa li bdew igħidulu l-Pulizija beda jirrispondihom bil-kelma *"żobbi"*. Dak il-ħin PC 1094 beda jipprova jikkalmah, u x-xhud induna li PC 1094 kellu xi dmija ma jdejh. Dak il-ħin huwa nforma lis-Surġent 462 bl-akkadut, li mar fuq il-post u ntalbet ukoll l-assistena tar-*Rapid Intervention Unit.* Mistoqsi jekk l-imputat kellux xi dmija, jikkonferma li kellu, iżda huwa kien ġie nfurmat li l-Pulizija kienu ġabulu ambulanza meta kien l-Għassa tal-Pulizija ta' Birżebbugia, iżda l-imputat kien irrifjuta l-assistenza medika. Igħid li imbagħad l-ambulanza kienet reġgħet intalbet meta kienu ħdejn il-Laboratorju tal-Paċi, minħabba li l-imputat kien aggressiv. Ikkonferma li l-imputat beda jitkellem bil-lingwa Maltija, u qal xi ftit kliem bil-lingwa Ingliża.

**PC 220 Sean Spiteri**, stazzjonat l-Għassa tal-Pulizija ta' Birżebbugia, xehed illi nhar l-erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), huwa kien stazzjonat *Orderly* u irċeva telefonata li kien hemm ġlieda ħdejn l-*Illusions* Bar ta' Birżebbugia. Igħid li huwa kien baqa' l-Għassa u kienu Pulizija oħra li marru jinvestigaw ir-rapport. Muri r-rapport mmarkat bħala 'Dok CG4'[11], huwa jikkonferma li dak hu r-rapport relattiv għal dan l-inċident, iżda igħid li kien is-Surġent li daħħal ir-rapport. Jikkonferma ukoll li kienet marret l-Għassa tal-Pulizija, persuna ta' sess maskili, li kienet involuta fl-argument, li kienet talbet l-assistenza medika u għalhekk ix-xhud kien ċempel għall-ambulanza. Igħid ukoll li huwa kien għamel l-*update* fir-rapport preżentat in atti.

[11] A fol. 14 tal-atti proċesswali

**PC 1062 Daniel Busuttil**[12] xehed illi huwa kien xhud tal-istqarrija li ttieħdet lill-imputat, liema stqarrija tinsab eżebita fl-atti u mmarkata bħala 'Dok CG6'[13]. Ix-xhud igħid li miegħu kien hemm preżenti ukoll l-Ispettur. Igħid li qabel ma ġiet rilaxxjata din l-istqarrija, l-imputat kien ingħata id-drittijiet legali tiegħu. Huwa spjega li l-imputat kien ingħata d-dritt li jġib avukat, id-dritt li ma jitkellimx u d-drittijiet b'liema lingwa jifhem.

Id-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq bħala xhud lil **PC 761**, li kien *fixed point* mal-imputat meta kien l-Isptar *Mater Dei*[14].

**L-Ispettur Andrew Agius Bonello**[15] xehed illi nhar l-erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija (7:00 p.m.), il-Pulizija kienet ġiet infurmata li kien hemm argument ġewwa l-istabbiliment *Illusions*, ġewwa Birżebbugia. Il-Pulizija tad-Distrett aċċediet fuq l-post u arrestat lill-imputat u lil ċertu Ahmed Omar Hassan Musoud. Ix-xhud igħid li eventwalment ġie stabbilit li waqt l-argument il-*mobile phone* ta' ċertu Biljana Spiric kien nsteraq u l-Pulizija ġiet infurmata li dan il-*mobile phone* kien jiswa madwar elf euro (€1000). L-Ispettur jixhed li l-imputat, waqt l-arrest, kien prova jaħrab lill-Pulizija u anke kien hemm xi aggressjoni fejn id-demm minn ferita li sofra PC 1094 ġie f'kuntatt mad-demm li kellu l-imputat. Igħid ukoll li kienet ittieħdet stqarrija lill-imputat. Huwa għaraf il-firem tiegħu, ta' PC 1062 Busuttil u tal-imputat fuq l-istess stqarrija. Huwa jispjega li qabel ma ttieħdet l-istqarrija, l-imputat kien ingħata d-drittijiet tiegħu skond il-Liġi, kif ukoll kien ingħata s-solita twissija. Igħid li l-imputat kien innega li kien seraq dan il-*mobile phone*, pero kien stqarr li kien iddispjaċih rigward l-aggressjoni fil-konfront tal-Pulizija. Mistoqsi dwar il-komportament tal-imputat waqt l-istqarrija, ix-xhud igħid li jekk jiftakar sew kien hemm diffikulta sabiex jistabilixxu l-lingwa li kien ser jiġi mitkellem biha, pero eventwalment, l-imputat kien stqarr li jifhem bil-lingwa Maltija u l-istqarrija kienet saret bil-lingwa Maltija.

Ix-xhud eżebixxa sentenza mogħtija minn din il-Qorti, preseduta mill-Maġistrat Monica Vella, fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Abdulaziz Ali Abdalla Adem** deċiża nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), liema sentenza ġiet immarkata bħala 'Dok AD'[16].

---

12 A fol. 112 tal-atti proċesswali
13 A fol. 21 tal-atti proċesswali
14 A fol. 109 tal-atti proċesswali
15 A fol. 114 tal-atti proċesswali
16 A fol. 131 tal-atti proċesswali

**PS 462 Darren Farrugia**[17], stazzjonat l-Għassa ta' Birżebbugia, ppreżenta l-filmati tas-CCTV li kienu nstallati mal-magna tal-BCRS. Igħid li huma għaddew *pendrive* u għamlu talba għall-filmati tas-CCTV lill-kumpanija tal-BCRS ġewwa Ħal Far u meta elevawhom huwa mar jiġborhom. Il-*pendrive* kontenenti dawn il-filmati ġiet immarkata bħala 'Dok DF'[18].

**Stephania Calafato Testa**[19] xehdet illi nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), ingħatat sentenza minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Monica Vella, fil-konfront ta' Ali Abdalla Adem Abdulaziz. Ikkonfermat li ma kienx hemm appell minn din is-sentenza u preżentat *fines report* bir-referenza 1944/2023, li ġie mmarkat bħala 'Dok SC'[20].

## L-Istqarrija tal-imputat[21]

L-imputat irilaxxa stqarrija nhar is-sittax (16) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), wara li ngħata s-solita twissija li ma huwiex obbligat li iwieġeb għall-mistoqsijiet li kienu ser isirulu, iżda dak kollu li kien ser igħid kien ser jitniżżel bil-miktub, u jista' jinġab bħala prova. Huwa ngħata ukoll l-jedd tal-parir legali qabel u waqt l-interrogazzjoni, liema jedd huwa għażel li jirrifjuta.

L-imputat jistqarr li huwa magħruf bil-laqam Għażiżu u li għandu l-vizzju tax-xorb, iżda jgħid li m'għandux bżonn għajnuna. Igħid li ma jaf xejn dwar is-serq tal-*mobile phone*. Jistqarr li huwa ried jitlaq 'l hemm iżda l-Pulizija ħaduh Ħal Far fl-indirizz fejn igħix, pero l-*Father* ma kienx hemm. Huwa jgħid li dakinhar tal-erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), huwa kien qiegħed fil-kumpanija ta' żewġ persuni u cioe' Bakhid Morkos u Ahmed Omer Hassan Musoud. Kienu ħdejn it-*toilet* u f'ħin minnhom ż-żewġ persuni li kienu miegħu bdew jiġġieldu ma persuna oħra ta' sess maskili. Igħid li huwa ma rax kollox għax kien ħdejn il-magna jitfa' l-fliexken.

Huwa jgħid li ma jafx min ħa l-*mobile* phone tal-mara u jgħid li ma jaf xejn dwar dan il-*mobile phone*. Mistoqsi jekk jiftakarx kif dan il-*mobile phone* spiċċa fil-basket ta' Masoud, igħid li dak il-basket huwa tiegħu, iżda kien għand Masoud għax huwa kien mar it-*toilet* u kien ħallieh għand Masoud. Huwa jgħid li ma jafx x'għamlu Bakhid Morkos u Ahmed Omar Hassan Masoud. Igħid li ħdejhom kien hemm ħafna nies u ma jiftakarx jekk kienx hemm xi mara ħdejhom li kienet

---

[17] A fol. 117 tal-atti proċesswali
[18] A fol. 119 tal-atti proċesswali
[19] A fol. 121 tal-atti proċesswali
[20] A fol. 124 tal-atti proċesswali
[21] A fol. 21 tal-atti proċesswali

qegħda tipprova tuża l-magna tal-BCRS. Mistoqsi jekk rax lil Masoud jieħu l-*mobile phone* minn idejn din il-mara waqt li kienet qegħda tipprova ċċempel, huwa jgħid li ma rahiex bil-*mobile phone* u lanqas ma ra lil Masoud jieħu dan il-*mobile phone*. Huwa jiċħad li beda jżomm lill-ħabib ta' din il-mara waqt li Masoud beda jsawwtu. Mistoqsi jekk kienx jiddispjċih ta' dak li għamel, huwa jgħid li jiddispjaċih għal dak li ġara mal-Pulizja, iżda jerġa' jgħid li fuq il-*mobile phone* ma jaf xejn.

**Ikkunsidrat:**

**Dwar l-istqarrija tal-imputat**

Illi fl-ewwel lok, il-Qorti ser titratta punt imqajjem mid-difiża fit-trattazzjoni finali tagħha, dwar l-istqarrija tal-imputat. Illi d-difiża tikkontendi li l-istqarrija ġiet rilaxxjata mill-imputat bil-lingwa Maltija, u dan meta skond l-istess difiża jirriżulta li l-imputat ma tantx jifhem bil-lingwa Maltija, tant illi qabel l-istqarrija ngħata l-lista ta' drittijiet bil-lingwa Għarbija u matul il-proċeduri nħatar interpretu mill-lingwa Maltija għal dik Għarbija sabiex jassistih. Skond id-difiża għalhekk, hemm dubju serju kemm l-imputat fehem il-mistoqsijiet li sarulu. Il-Qorti qegħda tqis fir-rigward, illi jirriżulta ċar mix-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Andrew Agius Bonello, illi għalkemm kien hemm diffikulta sabiex jistabilixxu l-lingwa li l-imputat kien ser jiġi mitkellem biha, eventwalment wara ammont ta' ħin sostanzjali, l-imputat kien stqarr mal-Pulizija li huwa jifhem bil-Malti u kien għalhekk li l-istqarrija saret bil-lingwa Maltija.

Illi l-Qorti tqis ukoll li għalkemm l-imputat ma huwa tenut li jipprova xejn u l-provi jinkombu fuq il-prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, ġjaladarba d-difiża qegħda tallega li l-imputat ma jifhimx bil-lingwa Maltija u ma kienx qed jifhem id-domandi li kienu qed jsirulu, kien jispetta lilu li jġib din il-prova. Dan a bażi tal-prinċipju kardinali li min jallega jrid jipprova. Din il-prova setgħet tinġab faċilment bl-użu tal-kontro-eżami tal-Ispettur Andrew Agius Bonello li ħa l-istqarrija tal-imputat u ta' PC 1062 Daniel Busuttil li kien xhud tal-istqarrija tal-imputat u ddepona ukoll f'dawn il-proċeduri.

Jirriżulta għalhekk illi dakinhar li ġiet rilaxxata l-istqarrija tal-imputat, huwa ngħata d-drittijiet tiegħu bil-lingwa Għarbija u rrilaxxja l-istess stqarrija bil-lingwa Maltija wara li huwa stess iddikjara li kien jifhem bil-lingwa Maltija, b'dan għalhekk illi l-Qorti tqis illi ma hemm xejn irregolari fil-mod li bih ittieħdet l-istqarrija lill-imputat. Irid jingħad ukoll illi wara kollox fl-istess

stqarrija, l-imputat ċaħad illi fid-data in kwistjoni huwa kien involut f'xi serq ta' *mobile phone* u ċaħad ukoll li kien involut f'xi argument.

**Dwar l-ewwel (1) imputazzjoni**

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat li rrenda ruħu kompliċi fir-reat ta' serq aggravat bil-valur. Illi għalhekk dak li l-Qorti trid tiddetermina huwa jekk mill-provi prodotti, jirriżultawx sodisfaċentement ippruvati l-elementi tal-kompliċita' fit-termini tal-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali, applikati għar-reat ta' serq aggravat kif previst fil-Kodiċi Kriminali.

Ai termini tal-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali, persuna titqies kompliċi f'delitt jekk hija :

> *"(a) tkun tat ordni lil ħaddieħor biex jagħmel id-delitt; jew*
>
> *(b) tkun ġiegħlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi, inkella b'abbuż ta' awtorità jew setgħa, inkella li tkun tat istruzzjonijiet biex isir id-delitt; jew*
>
> *(ċ) tkun tat armi, għodod jew mezzi oħra li jkunu ġew użati fl-egħmil tad delitt, meta kienet taf li kellhom hekk jiġu użati; jew*
>
> *(d) għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ), b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat; jew*
>
> *(e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volontà tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkompensah".*

Illi għaldaqstant, f'dan il-każ, huwa meħtieġ li l-prosekuzzjoni qabel xejn tressaq provi illi juru li kien hemm 'l hekk imsejjaħ *common* design bejn l-awtur tar-reat tas-serq u l-kompliċi tiegħu, li b'xi mod wassal għal xi forma ta' assistenza fit-twettiq tal-istess reat, jew b'xi mod ieħor ġiet imsaħħa il-volonta' tal-perpetratur sabiex jikkometti l-istess reat. Kif jgħid il-Professur Mamo fin-noti tiegħu:

> *"A man may be held responsible for an offence, even though he may not have done the act which constitutes that offence, if he had done some other act which has helped towards the commission of the*

*offence and had done the act in pursuance of a common design to commit that offence...".*

...

*There cannot be a 'concursus delinquentius' without a common design to commit a specific offence."*[22]

Illi, hekk kif ritenut fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Matthew Portelli u Lucia Taliana:-**

*"Illi dwar il-prova neċessarja biex tirriżulta l-imputazzjoni ta' kompliċita' f'reat imwettaq minn persuna oħra huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li jrid jirriżulta sodisfaċentement ippruvat mill-prosekuzzjoni li l-persuna mputata (i) kienet taf li l-awtur kien ser iwettaq id-delitt u (ii) li hija deliberatament għenietu biex hekk iwettaq id-delitt billi ghamlet xi haġa li tinkwadra f'wieħed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali."*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Kenneth Camilleri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-ħmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħmistax (2015) ingħad illi sabiex persuna tinstab ħati bħala kompliċi :-

*"jrid jirrizulta "a common design" li gie mfisser "the two or more persons concurring in the offence must be shown to have intended one and the same offence and have done something towards committing it." Kwindi jrid jigi ippruvat minghajr dubbju dettat mir-raguni illi Camilleri kellu l-istess intenzjoni u hsieb tal-awtur principali ta' dan ir-reat illi ghamel atti preparatorji u jwettaq ir-reat ta' hruq tad-dar tas-sindku."*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmelo Agius** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002), ġie ritenut ukoll illi:-

*"Biex Agius jista' jinstab hati bhala komplici f'dawn id-delitti (jew imqar f'wiehed minnhom) irid jirrisulta sodisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni – cioe` pruvat lil hinn mid-dubbju dettat mir-raguni – li dana Agius (i) kien jaf li Aquilina u/jew Dimech kienu*

[22] Lectures in Criminal Law, Paġna 124 u 125

*ser iwettqu xi wiehed minn dawn id-delitti u (ii) li hu deliberatament ghinhom biex hekk iwettqu d-delitt billi ghamel xi haga li tinkwadra f'wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Is-semplici fatt li Agius mar ma' Aquilina u Dimech, u anke kien fuq il-post waqt li dawn it-tnejn wettqu d-delitti in kwistjoni, ma jfissirx necessarjament li hu kien jaf x'kellhom f'mohhom li jaghmlu l-istess Aquilina u Dimech.* ***Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista' tammonta ghall-komplicita` f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirrisulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur***[23]*, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt."*

Fil-każ in diżamina, pero', din il-Qorti jidrilha li dan il-livell ta' prova ma ntlaħaqx u dan għaliex ma jirriżultax pruvat li kien hemm il-ħsieb komuni bejn l-awtur tar-reat u l-imputat li jsir id-delitt ta' serq tal-*mobile phone* u li l-preżenza tal-imputat effetivament assistiet lill-awtur tar-reat. Illi għalkemm il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li nhar l-erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), l-imputat kien fuq il-post meta nsteraq il-*mobile phone* ta' Biljana Spiric, ma ressqet l-ebda prova sabiex turi li kien hemm xi *common design* bejn l-imputat u l-persuna l-oħra, u cioe' Ahmed Omar Hassan Mousud, li skond Biljana Spiric, serqilha l-*mobile phone*. Illi għalkemm preżenti fuq il-post, kien hemm l-imputat odjern, dan ma jfissirx illi l-imputat kellu l-istess intenzjoni tat-terz meta seraq l-istess *mobile phone*. Illi għalhekk din il-Qorti ma tarax li tista' ssib lill-imputat ħati ta' kompliċita' fir-reat ipotizzat fl-ewwel (1) imputazzjoni u għaldaqstant din l-imputazzjoni ma tirriżultax ippruvata.

**Dwar it-tieni (2) imputazzjoni**

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat qiegħed jiġi akkużat talli mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li iqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'perikolu ċar, huwa kkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa u cioe' offiza ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Awes Abdulkadir Mumin.

[23] Enfasi tal-Qorti

Għandu jingħad qabel xejn li ma ġie preżentat l-ebda ċertifikat mediku li b'xi mod jiddeskrivi l-offiża li allegatament ġarrab Awes Abdulkadir Mumin. Fl-atti proċesswali hemm biss eżebit ċertifikat mediku rilaxxjat minn Dr. Audrey Scerri li għamlet eżami mediku fuq ċertu Tristan Farrugia[24]. Minn eżami tar-rapport eżebit mill-Pulizija u mmarkat bħala 'Dok CG4' jirriżulta li l-Pulizija kienet kellmet lil ċertu Tristan Farrugia minn ġewwa l-istabbiliment *Water's Edge*, li kien stqarr magħhom li kienu daħlu fil-kċina persuna bi flokk iswed u persuna oħra b'ġakketta tal-*jeans* li bdew jargumentaw ma Awes. Minn l-istess rapport jirriżulta li l-istess Tristan Farrugia kien stqarr ukoll li x'ħin dawn il-persuni kienu ħerġin xi ħadd minnhom kien tah daqqa fuq rasu u li kien ser jippreżenta ċertifikat mediku lill-Pulizija. Madanakollu, għalkemm dan iċ-ċertifikat mediku jinsab eżebit fl-atti proċesswali, din il-Qorti ma għandha l-ebda imputazzjoni quddiemha fir-rigward ta' xi feriti subiti minn l-istess Tristan Farrugia, u Tristan Farrugia lanqas ma tressaq bħala xhud f'dawn il-proċeduri.

Il-prosekuzzjoni madanakollu ressqet bħala xhud lil Awes Abdulkadir Mumin li stqarr illi fil-jum in kwistjoni, huwa kien mar fuq l-imputat sabiex jipprova jikkonvinċih ma jagħmel xejn ħazin, iżda meta kien qed ikellmu, dan tah daqqa ta' ponn f'wiċċu u laqtu fuq in-naħa tal-lemin ta' wiċċu. Madanakollu fl-ebda ħin ma jgħid li sofra xi ġrieħi jew jiddeskrivi xi ġrieħi li seta' kellu. Fuq domanda tal-prosekuzzjoni, jikkonferma biss li huwa ma jbati mill-ebda konsegwenzi illum il-ġurnata. Il-Qorti tinnota ukoll li mir-rapport tal-Pulizija mmarkat bħala 'Dok CG4' jirriżulta li Awes Abdulkadir Mumin kien stqarr mal-Pulizija li huwa ma kienx sejjer ġewwa Ċentru tas-Saħħa. Wieħed għalhekk ma jistax jgħid jekk l-imputat kellux xi ġerħa u jekk sofra xi ġerħa ma jistax jingħad x'tip ta' ġerħa kienet.

Tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, inkluż il-fatt li ma ġie eżebit l-ebda ċertifikat mediku fir-rigward ta' Awes Abdulkadir Mumin, ma jirriżultax sodisfaċentement ippruvat li ġiet kaġunata ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Awes Abdulkadir Mumin u b'hekk l-imputat ser jiġi liberat minn din l-imputazzjoni.

**Dwar it-tielet (3) imputazzjoni**

L-imputat qiegħed jiġi akkużat ukoll li inġurja, hedded jew għamel offiża fuq persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel

[24] 'Dok BB' inserit a fol. 29 tal-atti proċesswali

jew minħabba li kien għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżża' jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Permezz ta' din l-imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat li wettaq ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi li:-

> *"95. Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-s/ervizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000)."*

Illi referenza ssir għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sean Sinclair Pace** deċiza nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016), fejn ġie ribadit kif isegwi dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali:

> *"Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-inġurja, it-theddid jew l-offiża fil-konfront ta' l-uffiċjal pubbliku. Issa din l-inġurja, theddida jew offiża trid issir jew (1) filwaqt illi l-uffiċjal pubbliku ikun qed jagħmel servizz pubbliku (2) jew inkella minħabba li ikun għamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-ħsieb li ibeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.*
>
> *Illi l-awturi jagħmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-oltraġġ fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-liġi. Dana billi meta dan l-oltraġġ isir fil-mument illi l-uffiċjal pubbliku ikun qiegħed jagħti is-servizz ma huwiex neċessarju illi l-inġurja, it-theddida jew l-offiża tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qiegħed jeżercita.* L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tiegħu, igħidu:
>
> *"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il*

> *turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*
>
> *Kuntrarjament fiż-żewg istanzi l-oħra irid ikun jiġi ippruvat nexus bejn l-oltraġġ u il-qadi tal-funzjoni pubblika billi l-att materjali ma ikunx ġie kommess filwaqt tal-qadi tal-funzjoni pubblika."*

Illi l-element materjali ta' dan ir-reat huwa l-inġurja jew it-theddid u dawn jistgħu jieħdu kemm il-forma verbali kif ukoll dik miktuba u jistgħu jsiru wkoll permezz ta' ġesti jew tpinġija li jkunu ġew magħmula bl-iskop li jnaqqsu l-ġieħ u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti. Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Andy Calleja** deċiża fit-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), ingħad illi:-

> *"42. Issa, għal dak li jirrigwarda l-element materjali tar-reat fejn dan si tratta ta'* ***'inġurja'****, skont il-ġurisprudenza Maltija, dik ipotizzata fl-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali hija tip ta' inġurja speċjali ossia distinta mill-inġurja komuni ta' natura kontravenzjonali. Fl-appell kriminali fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Eugenio Hili*** *deċiż nhar is-26 ta' April 2018 intqal:*
>
> > *Kif ritenut mill-Qrati taghna fuq medda ta' snin, dan ir-reat huwa wiehed ta' oltragg jew ingurja specjali jew ingurja delitt li huwa differenti mill-hekk imsejha ingurja komuni jew ingurja kontravvenzjonali u dan kif traccjat fis-sentenzi Il-Pulizija vs Emmanuele Cassar App Krim 12/12/1936; Il-Pulizija vs Frank Attard App Krim 29/12/1958; Il-Pulizija vs Emanuel Pace App Krim 30/4/1993; Il-Pulizija vs Mario Cuschieri App Krim 17/10/1997; Il-Pulizija vs Carmel Farrugia App Krim 16/2/1998; Il-Pulizija vs Joseph Fenech App Krim 25/2/1999; Il-Pulizija vs Joseph Zahra App Krim 9/9/2002; Il-Pulizija vs Josianne Bonello App Krim 16/1/2003; Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech App Krim 10/9/2007 u Il-Pulizija vs Silvio Buttigieg App Krim 16/7/2010. Minn ezami ta' dawn is-sentenzi jokkorri l-konkorrenza ta' hames elementi. L-allegat kliem jehtieg li*

*jkun sar: a) lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficcjal pubbliku; b) officio durante vel contemplatione officii; c) de visu; d) li jkun filfatt ingurjuz; u e) animo iniuriandi.*

*43. Illi in kwantu **<u>għat-theddid</u>** imbagħad, il-Liġi ma tagħtix definizzjoni ta' dak li jkun jikkwalifika bħala tali u jkun għalhekk diskrezzjonali fuq il-ġudikant li jwieżen jekk id-diskors li jkun intqal fiċ-ċirkostanzi tal-każ jammontax għal theddid fuq l-esperjenza tal-ħajja komuni, il-bwon sens u l-eżami tal-fattispeċje tal-każ inkluż ir-retroxxena li tkun wasslet għat-tlissin ta' dak id-diskors. Fi kliem il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Hili** imsemmija iżjed il-fuq:*

*Pero' l-ligi titkellem dwar "theddid" u thalliha ghall-gudizzju tal-gudikant biex jikkalibra kemm diskors jew azzjoni tista' jew le titqies bhala theddida, dejjem skond il-fatti speci ta' kull kaz."*

Illi l-inġurja jew it-theddid trid tkun neċessarjament indirizzata lejn uffiċjal pubbliku jew persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku. In oltre, huwa neċessarju li jiġi ppruvat li s-suġġett attiv tar-reat kien konsapevoli mill-fatt li huwa kien qiegħed jinġurja jew jhedded persuna nkarigata mill-Liġi minn servizz pubbliku u dan anki jekk l-uffiċjal pubbliku ma jkunx liebes l-unformi fil-waqt tal-eżekuzzjoni tal-funzjoni pubblika. Illi fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija -vs-Jerken Decelis</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) ingħad illi:-

*38. In oltre, huwa neċessarju li jiġi ppruvat li s-suġġett attiv tar-reat kien konsapevoli mill-fatt li huwa kien qiegħed jinġurja u/jew jhedded persuna inkarigata mil-Liġi minn servizz pubbliku u dan anki jekk l-uffiċjal pubbliku ma jkunx liebes l-unformi fil-waqt tal-eżekuzzjoni tal-funzjoni pubblika. F'dan ir-rigward, il-Professur Mamo jgħid hekk :-*

*This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person.*

*39. L-istess ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża* **Il-Pulizija vs. Giuseppe Borg** *deċiża nhar it-2 ta' Novembru 1917:*

> *Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza può sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacché il reato può avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."*

Issa fil-każ in diżamina, jirriżulta biċ-ċar minn dak li xehed PC 636 Brandon Lee Pullicino, illi dakinhar tal-erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), l-istess Kuntistabbli kien liebes l-uniformi u kien qiegħed jaqdi s-servizz pubbliku devolut lilu, bħala membru tal-Korp tal-Pulizija stazzjonat ir-*Rapid Intervention Unit.* Ma hemmx dubju għalhekk li l-imputat kien ben edott mill-fatt li l-persuna in kwistjoni kienet Uffiċjal tal-Pulizija. Jirriżulta ukoll mix-xhieda tal-istess kuntistabbli li meta l-imputat kien qiegħed jiġi arrestat, huwa qallu l-kliem *"fuck the police"* u dan f'kuntest fejn l-atteġġjament tal-imputat fil-konfront ta' PC 636 kien wieħed ferm ostili u fejn l-imputat ma bediex jikkopera. PC 636 Brandon Lee Psaila igħid li dan il-kliem l-imputat kien qalu lilu f'wiċċu. Il-Qorti tqis li dan il-kliem mistqarr mill-imputat jammonta għar-reat kontemplat fl-Artikolu 95(1) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu kien inġurjuż fil-konfront tal-uffiċjal tal-Pulizija li kien qiegħed jagħmel xogħolu skont il-Liġi. Tqis ukoll li din id-dispożizzjoni ġiet introdotta fil-liġi sabiex tipproteġi lill-Uffiċjali Pubbliċi minn kull xorta ta' attakki li jsiru fil-konfront tagħhom sabiex inaqsulhom l-ġieħ u d-dinjita' li tali rwol jimmerita. Mix-xiehda tal-Pulizija hawn fuq imsemmija il-Qorti hija konvinta li kien hemm l-estremi tal-*animus injuriandi* fil-kliem mistqarr mill-imputat kif hawn fuq riportati. Illi għaldaqstant din l-imputazzjoni ġiet sodisfaċentement ippruvata.

**Dwar ir-raba' (4) imputazzjoni**

Illi permezz tar-raba' imputazzjoni, l-imputat qiegħed jiġi akkużat li attaka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li

kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-Awtorita' kompetenti u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Generoso Sammut** tal-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), ġie ritenut illi l-Artikolu 96 tal-Liġijiet ta' Malta jikkontempla tlett elementi essenzjali għal kostituzzjoni ta' dan ir-reat:-

> *"Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza, liema attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-użu tal-forza, vjolenza jew bil-ħebb. Fit-tieni lok ir-reat irid jiġi kommess fil-konfront ta'uffiċjal pubbliku jew ta' persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku. U fl-aħħarnett huwa necessarju illi l-attakk jew reżistenza kontra l-uffiċjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qiegħed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi minn awtorita' kompetenti.*
>
> *Illi kif igħallem il-Professur Mamo fin-noti tiegħu dwar id-dritt penali: "It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith. .... Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."*

Illi kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Borg**[25]:

> *"Biex jissusisti r-reat irid ikun hemm bhala minimu xi forza llegittima diretta lejn jew ezercitata fuq il-persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku. L-att li bih tali forza llegittima tigi ezercitata, irid ikun tali li jkun tendenti, ossia li jkollu l-potenzjalita` li jikkaguna hsara lill-persuna tal-Ufficjal Pubbliku, zghira kemm hija zghira dik il-hsara, anke jekk bhala fatt u fil-kaz konkret ebda hsara ma tigi effettivament ikkagunata u anke jekk l-agent ma jkollu ebda intenzjoni li jikkaguna tali hsara. Biex ikun hemm dan ir-reat, l-agent irid ikun*

[25] Mogħtija fis-26 ta' Jannar 1999 mill-Qorti tal-Appell Kriminali

*mhux biss attakka 'il fatto di prendere l'offensiva' jew irrezista 'il fatto di prendere la difensiva' lill-Ufficjal Pubbliku, izda li tali attakk jew resistenza tkun giet maghmula permezz ta' vjolenza jew b'hebb."*

Illi jirriżulta ċar mill-provi prodotti illi l-imputat offra reżistenza fil-konfront tal-Pulizija meta dawn ġew biex jarrestawh. Dak li jeħtieġ li din il-Qorti tqis u tiddeċiedi dwaru huwa dwar jekk l-aġir tal-imputat jammontax għar-reat mertu tar-raba' (4) imputazzjoni, kif ikkontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Joseph Zahra** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-disgħa (9) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002), il-Qorti qalet hekk dwar l-applikazzjoni o meno tal-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:-

*"Dana l-artikolu (b'referenza għall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi għall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti".*

*Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb* li jbezzghu *jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan isservizz". Ghalkemm jista' jinghad li Bianco kien inkarigat minn servizz pubbliku, din il-Qorti ma tarax kif jista' jinghad li billi jiccekkja l-biljetti Bianco kien qed "jezegwixxi l-ligi" jew jezegwixxi "ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Mhux kull min qed iwettaq servizz pubbliku qed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi. Ghalhekk l-appellant ghandu jigi liberat mit-tieni imputazzjoni."*

In oltre fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs Lawrence Attard** tat-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u sitta u disgħin (1996), l-istess Qorti tal-Appell Kriminali, qalet hekk:

"*Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun ga' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa ikun certament qieghed jezegwixxi il-ligi..."*

Illi applikati dawn il-prinċipji legali għall-każ odjern, m'hemmx dubju illi l-Uffiċjal tal-Pulizija illi mar biex jarresta lill-imputat, kien qiegħed jesegwixxi l-liġi fis-sens tal-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali. Lanqas ma hemm dubju wkoll illi l-imputat kien jaf li kienu uffiċjali tal-Pulizija, stante li hekk kif diġa ngħad, PC 636 Brandon Lee Pullicino stqarr li huwa kien liebes l-uniformi tal-Pulizija. Huwa evidenti wkoll illi l-imputat offra reżistenza bl-użu tal-forza fil-konfront ta' PC 636 Brandon Lee Pullicino, tant illi kif jixhed l-istess Kuntistabbli, l-imputat ma ħalliehx jarrestah, beda juża s-saħħa u *"kien hemm struggle"*. Huwa jgħid li l-imputat anke imbuttah u xejjer idu bil-manetta. Mhux biss, iżda skont ix-xhieda ta' PC 636 , kellha tintuża l-forza fuq l-imputat sabiex dan jiġi arrestat, stante li l-imputat kien aggressiv u baqa' jirreżisti. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata,

**Dwar il-ħames (5) imputazzjoni**

Permezz tal-ħames (5) imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat talli f'lok pubbliku jew f'post miftuħ għal pubbliku kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu. Illi ma hemmx dubbju li din l-imputazzjoni tirriżulta pruvata, billi fil-jum u l-ħin in kwistjoni, ġie ampjament ippruvat, illi l-imputat kien f'lok pubbliku fi stat ta' sokor, jixxengel min-naħa għall-oħra.

**Dwar is-sitt (6) imputazzjoni**

L-imputat jinsab akkużat ukoll talli volontarjament kiser il-bon-ordni u l-paċi pubblika b'għajjat, storbju u ġlied. Illi dwar din l-imputazzjoni kontravvenzjonali, il-Qorti ser tagħmel referenza għal sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u disgħin (1999) fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Maria Concetta Green</u>**[26] fejn ingħad illi

> *'L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat ġew eżaminati funditus f'diversi sentenzi u ġie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett*

[26] Volum LXXXIII Part IV paġina 441

*ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil."*

Illi ma hemmx dubbju li dina l-akkuża tirriżulta ppruvata billi dakinhar tal-erbatax (14) ta' Settembru tas-elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), l-imputat kien qiegħed igħajjat u jiġġieled f'post pubbliku. Illi ndubbjament fl-aġir u l-atteġġjament litiġjuż tal-imputat, kien hemm l-element ta' minaċċja għas-sigurta` individwali, f'dan il-każ ta' Biljana Spiric u ta' Awes Abdulkadir Mumin, liema atteġġjament ħoloq ċertu biża' u preokkupazzjoni tant illi Biljana Spiric kellha tgħajjat għall-għajnuna, filwaqt li Awes Abdulkadir safa' vittma ta' daqqa ta' ponn. PC 636 Brandon Lee Pullicino, xehed ukoll li l-imputat beda jargumenta u jagħmel xi storbju u jgħajjat fit-triq. Igħid ukoll li kull min beda jgħaddi minn miegħu, beda jaqla' l-problemi miegħu. Għalhekk, tqis illi din l-imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

**Dwar l-addebitu tar-reċediva**

Fir-rigward tal-addebitu tar-reċidiva, il-Prosekuzzjoni eżebiet vera kopja ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti, kif diversament preseduta mill-Maġistrat Dr. Monica Vella, datata ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), fl-ismijiet **'Il-Pulizija -vs- Abdulaziz Ali Abdalla Adem'**[27]. Jirriżulta mill-konnotati tal-imputat f'dik is-sentenza, illi dawn huma identiċi għall-konnotati tal-imputat odjern. Permezz ta' dik is-sentenza, l-imputat ġie kkundannat għal piena ta' sena priġunerija effettiva u multa ta' tmien mitt ewro (€800). Il-prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lill-Assistent Reġistratur Stephania Calafato Testa[28] li kkonfermat li ma kienx hemm appell minn din is-sentenza. Illi mid-dokument eżebit mill-istess xhud, jirriżulta ukoll li l-multa ta' tmien mitt ewro (€800) ma ġietx imħallsa. Illi għaldaqstant din is-sentenza evidentament ma kinetx għada skontata meta l-imputat ikkommetta r-reati mertu tal-każ odjern. Illi għaldaqstant għalkemm l-addebitu tar-reċediva ai termini tal-Artikolu 49 jinsab pruvat, l-istess ma jistax jingħad fir-rigward tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali.

**Kunsiderazzjonijiet dwar piena**

Fir-rigward tal-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat minn fejn jidher li l-imputat għandu kundanna waħda li tirrisali għall-ħamsa u

[27] Dok AD a fol 131 tal-atti proċesswali
[28] A fol. 121 tal-atti proċesswali

għoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023). Mis-sentenza eżebita in atti, jirriżulta li permezz tal-imsemmija sentenza, l-imputat kien instab ħati ta' reati simili għal dawk li qiegħed jinstab ħati dwarhom f'dawn il-proċeduri. Fil-fatt jidher li l-imputat kien instab ħati tar-reati kontemplati fl-Artikoli 95, 96, 214, 221, 339(1)(d) u339(1)(e), li kienu diretti lejn numru ta' Uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija.

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni ukoll iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qiegħed jinstab ħati.

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Ivan (John) Felice** ta' nhar l-erbgħa (4) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn (2002), ġie ritenut fir-rigward tar-reat kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali li:-

> *"Din il-Qorti, ghall-anqas kif presjeduta, dejjem irriteniet li r-reat kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali huwa wiehed serju hafna. Minn ikun inkarigat minn servizz pubbliku u jkun qieghed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi minn awtorita` kompetenti – bhalma normalment jaghmlu l-pulizja fil-kors normali tad-doveri taghhom – ghandu jinghata l-protezzjoni kollha tal-ligi, u tali protezzjoni tigi billi, wara li dak li jkun jinstab hati ta' dan ir-reat, tinghata l-piena stabbilita` mill-ligi li hija l-piena ta' prigunerija."*

Illi b'referenza għar-reat kontemplat fl-istess Artikolu, u cioe' l-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Roderick Farrugia** ta' nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' April tas-sena elfejn u sebgħa (2007), ġie ritenut ukoll li:-

> "*l-Qrati ghandhom id-dmir, fejn ikun il-kaz, li jaghtu il-protezzjoni xierqa lill-forzi tal-ordni fejn dawn ikunu qed jagixxu entro il-poteri lilhom moghtija fl-esekuzzjoni tal-ligi w ma jistghux jittrattaw dawn il-kazijiet b' leggerezza w jikkondonaw dak li ma ghandux jigi kondonat b' pieni irrizorji."*

Il-Qorti tqis li l-imputat apparti mir-reat kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali, qiegħed jinstab ħati ukoll, fost reati oħra, li nġurja lill-Pulizija, u li huwa reċediv.

Illi għaldaqstant fid-dawl tal-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fuq ċitat u kkunsidrati l-fattispecje tal-każ odjern, il-Qorti jidrilha li għandha timponi piena karċerarja effettiva flimkien ma' multa.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, dina l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 42, 95, 96, 214, 221(1)(3), 261(ċ), 267, 279(a), 338(dd), 338(ff), kif ukoll l-Artikoli 15A, 17, 49, 50, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ssib lill-imputat **Ali Abdalla Adem Abdulaziz** mhux ħati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u qegħda tilliberah minnhom, filwaqt illi qegħda ssibu ħati tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-ħames (5) u tas-sitt (6) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, kif ukoll tal-addebitu tar-reċediva, u qegħda tikkundannah għall-piena ta' **ħdax (11)-il xahar priġunerija effettiva** li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa nżamm taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ **u multa ta' ħamest elef ewro (€5000).**

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda esperti, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In oltre, billi ma nstabitx ħtija fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, tiċħad it-talba għall-applikazzjoni tal-Artikolu 15A u 532A tal-Kodiċi Kriminali.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara